**Minuti tal-mitejn u wieħed sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Frar 2012 fil-5.00 p.m. Din hija wkoll it-tlieta u sittin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri prezenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Sindku : | | Joseph Cordina |
| Vi□i Sindku : | | Christian Zammit |
| Kunsilliera : | | Mary Carmen Bajada |
| | | Joseph Bartolo |
| | | Kevin Cutajar |
| Uffiċċjali : | | |
| A□ent E□ekuttiv | Segretarju | George Refalo |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgha Numru 270 li saret nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2011 wara li saru l-korrezzjonijiet approvati. Kevin Cutajar approva l-imsemmija minuti b'riservi peress li ma kienx hemm qbil dwar korrezzjoni minnu proposta ta' Mozzjoni 156. Ghalhekk gie deciz li din il-Mozzjoni terga' tigi diskussa fl-ahhar tal-Laqgha sabiex dak li hu nsista li kien qal fil-laqgha precedenti, jkun imminitjat f'din il-Laqgha.

**Punti mqajma mill-Minuti**

Il-Vici Sindku Christian Zammit qajjem il-punt dwar x'gara mill-progett tal-Interpretative Centre fil-Bajja tar-Ramla. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li kellem lil Manuel Tabone, id-Direttur ghat-Turizmu fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, fejn dan ta' l-ahhar qallu li hemm bzonn li jsir meeting fuqu sabiex jigi diskuss dan il-progett fid-dettall. Il-Vici Sindku semma ukoll il-kisi bit-tarmac tat-Triq ta' Zejta li taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Citta' Victoria u li hi konfinata mal-Kunsill Lokali Xaghra, kif ukoll dwar Triq is-Sellum u l-hajt li waqa' u l-gandotti li saru. Is-Sindku wiegeb li wara hafna nsistenza mill-Kunisll Lokali Xaghra, it-tarmac fl-ahhar inghata biex jigi evitat xi incident. Rigward Triq is-Sellum, is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li kellem lill-Kuntrattur li weghdu li ser ikompli t-triq bil-kisi tal-*concrete* hekk kif tieqaf ix-xita.Rigward il-hajt li waqa', s-Sindku wiegeb li diga nbena ¾ tal-hajt u li dan ghadu ma tlestiex simplicament li ghax kien impossibbli li jitlesta minhabba x-xita li ghamlet.

Il-bini tal-hajt ser jitkompla hekk kif jaghmel il-bnazzi. Is-Sindku Joseph Cordina irrimarka ukoll li saru zewg gandotti tax-xita mill-Kunsill Lokali Citta' Victoria qabel ma wiehed jibda tiela' it-Triq tas-Sellum u li l-bdiewa gerrgru mieghu li saru minghajr ebda konsultazjoni maghhom. Is-Sindku wieghed li ser jindaga fuq dawn il-gandotti mal-Kunsill Lokali Citta' Victoria. Il-Vici Sindku saqsa ukoll meta ser jibda x-xoghol fuq Triq Marsalforn u fil-HOS ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku wiegeb li tkellem mal-kuntrattur dwar dan id-dewmien u li l-kuntrattur weghdu li waslu biex jibdew ix-xogholijiet fuqhom. Kevin Cutajar insista li galadarba qieghed jitrateni daqshekk, issir premura li d-*deadlines* elenkati fil-kuntratt tal-offerta, jigu rispettati minghajr ebda detriment ghall-istess Kunsill Lokali Xaghra. Il-Vici Sindku filwaqt li rega' qajjem il-punt li terga' tintbaghat ittra ohra lir-residenti ta' Triq Liberat Grech u Ta' Bertrija, li huma *white roads* u li jaqghu taht it-responsabbilta' tal-Gvern Centrali, sabiex jerghu javzawhom li l-Kunsill Lokali Xaghra qieghed jaghmel l-almu kollu tieghu sabiex dawn it-toroq jsiru mill-aktar fis possibbli mill-Gvern Centrali, tkellem ukoll dwar li tintbaghat ittra simili lir-residenti ta' Vjal it-8 ta' Settembru fejn javzawhom li din it-triq taqa' taht ir-responsabbilta' tal-Gvern Centrali ukoll. Filwaqt li nsista li din l-ittra ghandha tintbaghat mill-aktar fis possibbi peress li qeghdin isiru hafna ilment mir-residenti u mis-sidien tal-hwienet, talab li l-Ministeru ghal Ghawdex jigi nfurmat sabiex din it-Triq isirilha patching kif suppost. Kevin Cutajar talab li fl-ittra li tintbaght lir-Residenti u s-Sidien tal-Hwienet ta' Vjal it-8 ta' Settembru, ghandu jigi miktub li l-Kunsill Lokali Xaghra qieghed jitlob ghad-devulozzjoni ta' l-istess triq sabiex jigi eveita darba ghal dejjem li t-Triq principali tar-Rahal, tispicca fl-aktar mod dizastruz. Wara diskussjoni fejn kien hemm qbil li tintabaghat ittra imma li ma jissemma xejn ghalissa fuq il-hsieb li l-Kunsil Lokali Xaghra ghandu dwar id-devoluzzjoni ta' Vjal it-8 ta' Settembru, ghax mhux iz-zmien opportun, is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li ser tintbaghat ittra u li d-*draft* taghha ser tintbaghat l-ewwel lill-Kunsilliera kollha ghall-attenzjoni mehtiega. L-ahhar intervent tal-Vici Sindku kien dwar jekk il-Kunsill hux infurmat fuq meta ser jibda l-progett tal-Ggantija mill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-kuntrattur jigi infurmat mill-ewwel jirrisolvi t-tumbata li hemm fi Triq l-Imqades magenb fejn gej il-progett, ghax hi perikoluza hafna ghas-sewwieqa b'mod partikulari.

Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll x'gara mill- *welcome sign* li kellha titwahhal fil-bidu tat-Triq is-Sellum u li tindika l-bidu tal-konfini min-naha tal-Punent tal-Kunsill Lokali Xaghra, filwaqt li irrimarkat illi kieku t-tabella twahhlet qabel, kien zgur ikun evitat hafna paroli inutli dwar il-konfini tax-Xaghra. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li t-tabella giet ordnata gimgha ilu u li ghandha titwahhal hekk kif tkun lesta. Mary Carmen Bajada saqsiet x'gara fuq id-dahla sekondarja ta' l-iskola Primarja min-naha ta' Triq Guzeppi Grech.Is-Sindku wiegeb li s-Segretarju Ezekuttiv precendti kellem lil Salvu Bonello mid-Dipartiment, li ippreciza li l-proprjeta' fejn qed tigi proposta d-dahla sekondarja tal-iskola, hi kollha tal-Gvern u li m'hemm l-ebda parti tal-privat. Ghalhekk intbaghtet it-talba biex issir d-devoluzzjoni tal-art imsemmija, biss sallum il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta. Mary Carmen Bajada saqsiet jekk saritx il-laghqa mas-Surmast tal-iskola Primarja dwar din id-dahla sekondarja. Is-Sindku wiegeb li l-laqgha ghada trid tigi stabbilita'. Mary Carmen Bajada tablet li jkun xieraq li ghall-ahhar laqgha il-Kunsiliera kollha jinghataw rendikont tal-progetti li saru matul din il-legislatura li

wasslet biex tintemm, f'hiex wasslu, kif ukoll jekk tlestewx jew le u ghaliex. Kien hemm qbil li dan ir-rendikont ghandu jinghata fl-ahhar laqgha li ghandha ssir u li d-data ghada trid tigi diskussa fit-tmiem ta' din il-laqgha. Mary Carmen Bajada semmiet x'gara mit-tindif tal-ghalqa li hemm fil-katuniera bejn it-toroq Bullara u Guzeppi Bajada. Is-Sindku wiegeb li kella titnaddaf u li x-xoghol kellu jieqaf minhabba x-xita u li x-xoghol ghandu jitkompla hekk kif jippermetti t-temp. Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll dwar il-progett tal-Culvert ta' Triq Marsalforn, u fakkret li meta kien hemm l-*opening* tal-Belveder, is-Sur Austin Walker qal li l-Fondi tal-Urban Iprovement Fund jistghu jintuzaw ghal-culvert ta' Triq Marsalforn. Hi saqsiet ukoll x'gara fuq it-tindif tat-triq antika hekk imsejjha tar-Rumani fir-Ramla l-Hamra. Is-Sindku wiegeb li ghanda tigi kkuntatjatha l-GAIA Foundation sabiex jigi miftiehem programm ta' xoghol. Mary Carmen Bajada saqsiet fuq it-testijiet u l-kampjuni tat-tarmac ta' Triq Mattew Sultana u Vestru qabel il-hlas. Is-Sindku wiegeb li s-Segratarju Ezekuttiv precedenti kellu jikkomunika mal-Perit Scerri dwar dan, ghalhekk gie deciz li l-Kunsill jitkellem mill-gdid mal-Perit Scerri dwar dawn it-testijiet u l-kammpjuni. Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll dwar is-siment li kellu jinghata fi Triq is-Sellum, fejn gie irrimakat li riposta ghalih kienet diga inaghtat fl-interventi precedenti. Hi saqsiet fuq jekk saritx l-applikazzjoni mal-EneMalta sabiex il-Belveder il-gdid jinghata dehra isbah bid-dawl, kif ukoll saqsiet x'gara mill-plakka tal-irham u l-isem tal-istess Belveder. Is-Sindku wiegeb li l-haddiema tal-EneMalta dawn il-granet kienu qed jghaddu trinka f'nofs Triq il-Knisja sabiex tkun tista' tinghata provvista ta' dawl lill-Belveder u li hu mahsub li l-Belveder ikun mixghul fil-garnet li gejjin. Dwar il-plakka, is-Sindku wiegeb li ma gietx ordnata peress li ghadu mhux deciz l-isem tal-Belveder peress li ghad hemm xi dubji dwar l-isem proprju tal-inhawi fejn sar il-Belveder. Mary Carmen Bajada gibdet l-attenzjoni li l-isem ta' dawk l-akwati mhux Ghajn Damma imma Fuq il-Ghar jew Ghajn Xejba. Hi saqsiet ukoll dwar il-Karnival fix-Xaghra, fejn gie irrimakat li riposta ghalih kienet ser tinghata aktar tard meta jkun qed jigi diskuss il-programm tal-Karnival skont l-agenda. Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll ghalfejn il-*culverts* ta' Triq il-Knisja ghadhom ma sarux. Is-Sindku wiegeb li x-xogholijiet ghadhom ma bdewx ghalkemm kellhom jitlestew sal-bidu ta' Marzu, minhabba li l-kuntrattur jixtieq jiehu l-veduti tar-residenti l-ewwel sabiex jigi evitat lanqas inkonvenjent possibbli. Mary Carmen Bajada saqsiet f'hiex wasslu d-diskussjonijiet mas-Sur Salerno fuq il-kors tal-Piroteknika. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li s-Sur Salerno jixtieq li jitkellem ma' persuni ta' License A u l-Ghaqda tan-Nar. Ghaldaqstant is-Sindku wiegeb li tkellem ma' certu Gordon Grech License A mir-Rabat u li joqghod ix-Xaghra sabiex jiehu hsieb hu l-organizzazzjoni ta' dan il-kors fix-Xaghra, biss l-akbar ostaklu jidher li ser ikun dwar l-attendenza ghall-kors. Mary Carmen Bajada fakkret li diga jezisti nuqqas ta' qbil bejn il-persuni li ghandhom License A u l-Ghaqda u ghalhekk issuggeriet li ghandhom ikunu nfurmati r-residenti kollha tax-Xaghra li ghandhom il-licenzja, ghax ma jaghmilx sens li kors bhal dan jintilef. Mary Carmen Bajada regghet gibdet l-attenzjoni li hemm zewg fazijiet ta' dan il-kors tal-piroteknika u li ghat-tieni parti tinvolvi nies li m'ghandhomx bzonn il-licenzja A. Ghalhekk gie deciz li jsiru aktar laqghat mas-Sur Salerno sabiex jigi deciz min jista' jippartecipa u kif l-ahjar li tinhareg l-applikazzjoni. Mary Carmen Bajada saqsiet dwar il-progett tal-PV's fuq il-bini gdid tal-Kunsill Lokali Xaghra kif ukoll dwar il-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv gdid ghal-Kunsill Lokali Xaghra. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li l-applikazzjoni tal-PV's waslet fil-hin. Rigward il-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv gdid, is-Sindku wiegeb li hu ma kellu l-ebda obligazzjoni li jlaqqa l-

bord, imma li s-Segretarju kellu jlaqqa l-bord. Ghalhekk hu, konxju mill-fatt li s-Segretarju Ezekuttiv precedenti baqa' ma sejjahx laqgha ohra, hu tkellem mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, is-Sur Carmel Abela, li ssuggerixxa li galadarba issa wasslet l-Elezzjoni tal-Kunsill il-gdid fil-Lokalita' tax-Xaghra, jkun aktar ghaqli jekk l-ghazla tas-Segretarju l-gdid tigi posposta' sabiex jiddecidiha l-Kunsill il-gdid, filwaqt li fil-prezent jigi identifikat Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex il-Kunsill prezenti jkun jista' jissokta bil-hidma tieghu sat-tmiem tal-Legislatura. Filfatt hekk gara._Imbaghad Mary Carmen Bajada staqsiet kif gew decizi s-sieghat li ser jahdem l-Agent Segretarju u min iddecieda. Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll dwar kif baqghu d-diskussjonijiet mal-Pulizija precizament mas-Sezzjoni tad-Drogi. Il-Vici Sindku Christian Zammit wiegeb li hu kellu tahdidiet ma' din is-Sezzjoni fejn qalulu li ghalkemm l-ahjar hu li jizdiedu l-partols, hu fatt li pulizija u karozzi huma dejjem limitati. Hu qal li huma ssuggerew li l-aktar konvenjenti hu li min ikollu xi suspett fuq xi hadd dwar drogi, wiehed jirraporta u huma zgur jiedhu azzjoni. Mary Carmen Bajada saqsiet dwar x'gara mill-bozza li kellha tigi spustjatha fi Triq Guzeppi Grech. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li tkellem mas-sid fejn irid il-bozza sabiex ix-xogholijiet isiru. Fl-ahhar hi saqsiet ukoll x'gara mill-Culverts mitluba minn Dun Anton Refalo Rapa, dwar l-installazzjoni urgenti ta' crash barriers f'tal-Qacca u dwar il-bankina u d-drenagg fi Triq Stellini. Is-Sindku Joseph Cordina wiegeb li tkellem mal-Kuntrattur ta' Bugeja Bros li weghdu li ser jitkellem ma' Dun Anton l-ewwel biex jifhem sew x'irid u kif iridu. Rigward tal-Qacca, is-Sindku wiegeb li ghandu jerga' jiccekkja peress li s-Segretarju Ezekuttiv precedenti qatt ma kkomunikalu xejn. Kif ukoll dwar Triq Stellini gie deciz li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Ministeru ghal Ghawdex. Mary Carmen Bajada saqsiet ukoll x'gara mill-*objection* li kella ssir dwar zvilupp fil-bidu ta' Triq Marsalforn. Is-Sindku wiegeb li s-Segretarju Ezekuttiv precedenti ma kien nfurmah b'xejn dwar dan. Hi imbaghad saqsiet ukoll jekk il-Kunsill hax azzjoni dwar il-*Gozo Age Concern*, li qed jahdmu biex jizdiedu d-djar tal-anzjani f'Ghawdex. Is-Sindku wiegeb li ghadu jrid jigi diskuss.

Kevin Cutajar semma ukoll li hemm bzonn li jsiru t-testijiet u jittiehdu l-kampjuni tat-toroq il-godda ghax qed isiru hafna ilment mir-residenti. Is-Sinkdu rega' tenna li ser jitkellem mal-Perit Scerri, kif wieghed aktar qabel li jaghmel, peress li ghadu ma tah l-ebda risposta. Mary Carmen Bajada saqsiet x'gara fuq il-Culverts ta' Triq Spiera u Triq il-Knisja. Is-Sindku wiegeb li l-permessi nharrgu llum u filfatt gabbruhom illum ukoll u li x-xogholijiet ghandhom jibdew il-gimgha d-diehla. Kevin Cutajar insista biex rigward il-progett ta' Salerno li hu nteressanti u uniku fil-Gzejjer Maltin, jittiehed bis-serjeta' sabiex ikun success.

Jospeh Bartolo saqsa fuq x'gara fuq id-devoluzzjoni tal-ghalqa ta' fejn il-ground. Mary Carmen Bajada staqsiet ukoll dwar id-devoluzzjoni tal-postijiet l-ohra elenkati fl-applikazzjoni tal-progett Leader biex ma jintilfux il-flus u semmiet il-fatt li kieku hi ma insistietx li l-Kunsill seta' japplika, dawn il-fondi kienu jintilfu, filwaqt li nsistiet li importanti li meta jkun hemm applikazzjonijiet simili, wieħed joqgħod aktar attent sabiex opportunitajiet bħal dawn ma jintilfux. Is-Sindku b'mod sarkastiku irrimarka li grazzi

ghall-intereventi tal-Kunsilliera Mary Carmen Bajada, id-devoluzzjoni tal-art imsemmija inghatat u jonqos biss kemm jigi ffirmat il-kuntratt mal-MRRA u jidbew ix-xogholijiet bil-flus akkwistati mill-progett Leader. Joseph Bartolo saqsa dwar il-hadida li kien hemm wara l-hajt fi Triq Gnien Imrik u jekk din gietx spostjatha ghal quddiem il-hajt. Is-Sindku Joseph Cordina wiegbu li dak ix-xoghol sar.

**Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Annwali ghas-sena 2011**

Is-Sindku spjega fid-dettal l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2011. Hu irrimarka li dawn saru mill-Accountant tal-Kunsill Ms Joanna Caruana li ghandhom jintbaghtu lid-Dipatiment tal-Gvern Lokali sa nhar it-Tlieta, 21 ta' Frar, 2012.

Wara li nqara r-rapport, Mary Carmen Bajada saqsiet x'ser jigri mis-surplus ta' funds li eventwalment il-Kunsill irregistra is-sena l-ohra. Hi fakkret li dawn jistghu jigu utilizzati fl-iskema tal-MEPA *Urban Improvement Fund*. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li tintalab kjarifika mill-MEPA dwar dan sabiex dawn il-flus jigu utilizzati ghat-tisbieh tac-centru urban tal-Loklalita.

Mary Carmen Bajada talbet sabiex fl-ahhar laqgha tal-Kunsill ghal din il-legislatura, il-Kunsill ikun jaf jekk hux ser jithalla xi dejn, l-ammont ta' flus li l-Kunsill Lokali rcieva u kif ukoll l-ammont tad-*deferred income*, x'fondi ircieva b'kollox il-Kunsill Lokali, kif ukoll x'ser jibqa' *funding* mill-iskema tal-MEPA tal-Urban Improvement Fund u kemm ser jibqaghlu jhallas l-Kunsill fis-snin li gejjin taht l-iskema tal-PPP. Hi talbet ukoll li din l-informazzjoni ghandha tintbaghat b'*email* preferibilment qabel l-ahhar laqgha.

Kevin Cutajar saqsa kemm tlestew mill-PPP sa' Marzu 2012 u dwar meta kellu jibda' Batch 2 kif ukoll kemm dahhalna flus. Gie deciz li din l-informazzjoni tinghata fil-laqgha li jmiss.

L-estimi Finanzjarji gew approvati unaninament mill-Kunsill.

**Approvazzjojni tal-Programm tal-Karnival 2012 gewwa l-Lokalita' tax-Xaghra**

Is-Sindku Joseph Cordina spjega li saru hafna laqghat mal-Kumitat tal-Karnival u li ghalkemm fil-bidu kien hemm problema dwar il-Kommittiva, kollox gie solvut u li din is-sena ser tigi nkluza ukoll fil-programm tal-Karnival.

Is-Sinkdu ghadda biex jaqra l-programm tal-Karnival 2012.

Is-Sindku għarraf li l-ġurija ser tkun komposta minn Paul Stellini, Joseph Camilleri u Aaron Zammit.

Meta s-Sindku Joseph Cordina gie mistoqsi fuq il-prezz tal-*band* Synergie, filwaqt li ddikjara li ghandu kunflitt ta' interess, qal li minn informazzjoni li kellu, il-*band* ser tithallas l-istess ammont li nghatat fl-Iljieli Sajfin.

Mary Carmen Bajada saqsiet jekk intalbitx quotation dwar il-prinjolata. Is-Sindku wiegeb li peresss li thalla kollox bhas-snin ta' qabel, thalli kollox kif kien anke peress li l-prezzijiet baqghu l-istess bhas-snin ta' qabel. Is-Sindku irrimarka li l-ispejjez ghac-celebrazzjoni tal-Karnival tax-Xaghra din is-sena ser jammontaw bhas-sena precedenti ghas-somma ta' madwar €5000.

Kevin Cutajar saqsa dwar kemm saret *promotion* tal-Karnival tax-Xaghra. Il-Kunsill gie infurmat li saret l-istess promozzjoni bhas-snin precedenti i.e. reklami fil-Gazzetti Lokali kollha, mid-Dipartiment tal-Kultura fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex kif ukoll banner f'tal-Qacca. L-unika haga li ma saritx bhas-snin imghoddija kien biss li ma tqassamx flyer ic-Cirkewwa peress li bhalissa hemm strike tal-haddiema tal-Gozo Channel.

Il-Programm tal-Karnival tax-Xoghra gie approvat unanimament.

**Intervent dwar pagamenti pendenti**

Peress li dan il-Kunsill qieghed kull ma jmur dejjem joqrob lejn it-tmiem tal-legislatura tieghu, Mary Carmen Bajada insistiet li kemm jista' jkun ma jithallewx pagamenti pendenti ghal xejn. Is-Sindku wiegeb li kull min baghat l-*invoice* ser jithallas zgur, kif turi l-lista ta' pagamenti li trid tigi approvata aktar tard fil-laqgha kif elenkat fl-agenda.

**Komunikazzjoni tas-Sindku fosthom l-asfaltar tat-toroq taht l-iskema PPP, progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea, il-*performance appraisals* tas-Segretarju Ezekuttive precedenti u taz-zewg Assistant Principals tal-Kunsill, Rapport tal-Bord tal-Governanza u materji ohra.**

Is-Sindku beda biex elenka l-progetti li applika l-Kunsill Lokali Xaghra u tkellem dwarhom.

1. Il-Kunsill applika ghall-programm ITALIA-MALTA biex nakkwistaw fondi ħalli nkunu nistgħu nwettqu l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku fix-Xagħra – din l-applikazzjoni ser tersaq għall-aġġudikazzjoni ta' Bord apposta;

2. Il-Kunsill applika ghall-programm LEONARDO DA VINCI flimkien ma' diversi partners oħra mill-Italja, Portugall u Spanja biex norganizzaw kors ta' taħriġ fis-suġġett 'Management in Tourism and Hospitality sector'. Jekk jiġi approvat, il-Kunsill ser ikun jista' jibgħat GĦOXRIN persuna biex jipparteċipaw f'intership fuq dan is-suġġett fil-Portugall – l-internship itul erba' ġimgħat u matulu l-parteċipanti ser jingħataw esperjenza u jkollhom *hands-on training* ma' kumpaniji li joperaw fis-settur turistiku fil-Portugall;

3. Il-Kunsill daħal partner fil-proġett imsejjaħ SUPERCITY li l-Lead Partner tiegħu huwa l-Kunsill ta' Casamassima fl-Italja. Għadna kemm ġiet preżentata l-concept note fl-1 ta' Frar u qed nistennew risposta min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett ser ikun jittratta r-riġenerazzjoni urbana iżda d-dettalji jridu jitniżżlu jekk il-proġett jgħaddi mill-ewwel fażi tiegħu;

4. Il-Kunsill qed jippruva jsib partners taħt il-programm URBACT II biex niffinanzjaw *storm water management plan* għal-lokalita' tagħna, b'mod partikolari għal Triq Marsalforn;

5. Il-Kunsill daħal f'partners ma' diversi Kunsilli Taljani fi proġett imsejjaħ DIAMI li ser jinkludi diversi seminars u avvenimenti fuq it-temi tal-immigrazzjoni. Il-proġett qiegħed jiġi finalizzat u għal dan l-iskop ser issir laqgħa għall-partners f'Ravenna bejn it-13 u s-16 ta' Marzu li ġej. Il-Kunsill iddecieda li ghal din il-laqgha jattendi l-Vici Sindku Christian Zammit. Fost l-attivitajiet li ser isiru, il-Kunsill Lokali tagħna jrid jorganizza seminar tematiku dwar l-immigrazzjoni matul is-sena 2013;

6. Il-Kunsill gie aċċettat bħala partner fi proġett bl-isem 'Tourism and Gastronomy' li għandu bħala Lead Partner Kunsill Muniċipali minn Spanja. Dan il-proġett itul sentejn. Matulu, huwa maħsub li jsiru erba' avvenimenti f'pajjiżi differenti li fihom jingħata għarfien dwar il-kulturi gastronomiċi differenti li jeżistu madwar l-Ewropa. L-applikazzjoni ġiet sottomessa l-Ħamis 16 ta' Frar. Fost l-attivitajiet li jridu jiġu organizzati, hemm Seminar internazzjonali fix-Xagħra f'Mejju 2013 (dejjem jekk il-proġett jiġi aċċettat);

7. Il-Kunsill kompla bit-tratattivi tagħna mal-Kunsill ta' Chevaigné fi Franza. Huma qed jitolbu li jagħmlu żjara fix-Xagħra f'xi ġranet bejn id-9 u l-21 ta' April li ġej. Fost l-avvenimenti li ser isiru taħt il-programm *Europe for Citizens*, dan il-Kunsill Franċiż qiegħed jistedinna sabiex intellgħu grupp ta' tletin persuna għal avveniment li ser jorganizzaw f'Ġunju li ġej. Id-dati eżatti huma bejn it-22 u s-26 ta' Ġunju 2012;

8. Flimkien ma' Dr. Giuseppe Maggio, il-Kunsill ipprepar dokumenti fi proġett biex jippromwovi n-network *ficusnet*. Jekk jiġi approvat, dan il-proġett ser jirċievi finanzjament taħt il-programm Ewropew ENPI-MED u permezz tiegħu jiġu organizzati, fost l-oħrajn, *hands-on training* għall-bdiewa lokali dwar il-kultivazzjoni ta' siġar differenti, ewlenija fosthom is-siġra tat-tin;

9. Bħala Kunsill, komplejna nuru l-interess tagħna biex nipparteċipaw f'diversi skambji kulturali li huma kif ġej: (i) Bejn it-23 u l-31 ta' Marzu f'Puglia l-Italja; (ii) bejn is-16 u t-22 ta' April f'Ċipru; (iii) bejn it-23 u d-29 ta' Ġunju; (iv) bejn il-25 ta' Ġunju u s-6 ta' Lulju u (v) bejn is-16 u s-27 ta' Lulju fil-Bulgarija. L-iskambju (i) biss huwa approvat u rridu nsibu ħames żgħażagħ li għandhom bejn 18 u 25 sena. L-iskambji (ii) sa (v) għandhom iridu jiġu approvati.

10. Il-Kunsill ghandu stedina biex intellgħu grupp ta' attivitajiet għal attivita' tal-Karnival Sajfi fil-Ġermanja bejn l-14 u l-21 ta' Lulju 2012. M'hemmx limitu ta' numru ta' parteċipanti li jistgħu jieħdu sehem.

Re Progett No 7, Kevin Cutajar saqsa x'inhi t-*tentative date.* Gie deciz li l-ahjar hu li d-dati jigu stabbilit mill-Kunsill il-gdid.

Mary Carmen Bajada saqsiet jekk ir-rapport dwar it-tin li gie kkummisjonat lil Joseph Bonello tlestiex u jekk ghandux kopja l-Kunsill fil-Librerija. Il-Kunsill qabel li jitkellmu mas-Sur Joseph Bonello.

Il-Vici Sindku Christian Zammit saqsa dwar il-grupp *mixed* tas-safar. Is-Sindku Joseph Cordina issuggerixxa li jigu kkuntatjati jikkonfermaw l-interess taghhom dawk kollha li diga applikaw. Kemm-il darba n-numru ta' dawk li jaccettaw jeccedi n-numru garantit, il-partecipanti jintghazlu bil-polza. Jekk ikun anqas imur kulhadd filwaqt li terga' ssir sejha ohra.

Rigward l-iskambju tat-Turkija gie deciz li b'xi mod jergghu jigu restawrati relazzjonijiet tajba maghhom peress li dan il-progett ma rnexxiex daqs kemm wiehed basar.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) Ittra mill-Ministeru ghal Ghawdex, DPD dwar il-*crash barriers* fi Triqat San Marzjan u Gnien Xibla. Il-Kunsill iddecieda li d-Dipartiment jaghmel ix-xogholijiet kollha relatati u jibghat il-kont il-Kunsill.

2) *E-mail* mill-Agenzija Sapport sabiex il-Lokalita' tax-Xaghra tippromwovi fil-Lokalita' li ser issir esebizzjoni bl-isem ta' Niccelebraw l-Abillta'! bejn l-20 u l-24 ta' Frar, 2012. Accettata u ser isir avviz man-Notice Board tal-Kunsill Lokali.

3) *E-mail* min Marvic Bajada dwar id-dramm bl-isem Marcellino Hobz u Nbid, li ser jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill accetta t-talba u iddecieda li jhallas lis-spejjez li ma jeccedux is-somma ta' €200. Mary Carmen Bajada iddikjarat kunflitt ta' interess u ma haditx sehem la fid-diskussjoni u lanqas fid-decizzjoni.

4) *E-mail* min Marvic Bajada f'isem il-Gozo Athletic Club, dwar il-Gozo Marathon li din is-sena ser tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill nhar id-29 ta' April. 2012. Il-Kunsill accetta t-talba u iddecieda li jhallas lis-spejjez li ma jeccedux l-ammont moghti fis-sena 2011. Mary Carmen Bajada iddikjarat kunflitt ta' interess u ma haditx sehem la fid-diskussjoni u lanqas fid-decizzjoni.

5) Ittra mix-Xaghra Utd FC, dwar progett gdid ghat-titjib ta' facilitajiet uzati minn-Nursery tal-Club. Il-Kunsill iddecieda li galadarba qed tintalab somma ta' €2500 ghal progett, din id-decizzjoni ghandha tittiehed mill-Kunsill Lokali l-gdid.

6) Ittra mill-Ghaqda Armar 2 ta' Settembru 1973, dwar progett ta' toqob fil-Lokalita' minhabba li zdied l-armar sabiex jitwahhal fil-granet tal-Festa. Il-Kunsill iddecieda li din id-decizzjoni ghandha tittiehed mill-Kunsill Lokali l-gdid.

7) Ittra mis-Sur Charles Azzopardi Refalo dwar attivita' li ser tittella bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill accetta t-talba u iddecieda li jhallas lis-spejjez li ma jeccedux is-somma ta' €200.

8) Ittra mis-Socjeta' Fil. Victory dwar attivita' li ser tittella bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill accetta t-talba u iddecieda li jhallas lis-spejjez li ma jeccedux is-somma ta' €200.

9) *E-mail* min Lara Vassallo dwar progett ta' workshop ghat-tfal fil-Lokalita'. Il-Kunsill iddecieda li ghandha tintalab aktar informazzjoni qabel ma jaccettaw jew jirrifjutaw it-talba li saret.

10) Ittra minn Standard Publication Ltd li ser jitwaqqaf l-ghoti tal-Gazzetta taghhom b'xejn lill-Kunsill u li jekk irid il-Kunsill jibda' jixtriha bi hlas ridott. Il-Kunsill iddecieda li l-gazzetta ma tinxtarax.

11) Ittra mill-MEPA dwar hrug ta' Permess PA/00581/11 u sabiex tithallas Bank Gurantee. Il-Kunsill accetta li jithallsu l-garanziji mehtiega.

12) Ittra mit-Transport Malta dwar l-approvazzjoni tal-crash barriers fi Triqat San Marzjan u Gnien Xibla.

13) Ittra mit-Transport Malta dwar applikazzjoni ta' Reserved Parking Bay f'isem Tereza Xerri ta' 41. Triq Srug, Xaghra. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

14) Avviz mit-Transport Malta lill-Kunsill Lokali kollha tavza li ma jistghux isiru xogholijiet bejn is-6.30 a.m. u d-9.30 a.m. f'toroq arterjali jew distributorji.

15) *E-mail* minn Kevin Cutajar dwar laqgha li kellha ssir fis-27 ta' Jannar,2012.

16) Ittra mis-Sur Joseph Sultana dwar attivita' li ser tittella bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill accetta t-talba u iddecieda li jhallas lis-spejjez li ma jeccedux is-somma ta' €200.

17) Ittra mill-Arcipriet tal-Bazilka Kolleggjata San Pietru u San Pawl f'isem residenti, dwar tindif tal-Madonna tar-Ramla. Il-Kunsill iddecieda li javza lil min irid jaghmel ix-xoghol sabiex jitkellem mal-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, sabiex japplika ghal permessi mehtiega. Il-Kunsill iddecieda ukoll li jhallas l-ispejjez kollha relatati.

18) Ittra mill-Mini Council tal-Iskola Primarja tax-Xaghra dwar il-possibilta' li l-ground tal-iskola jsir bit-turf artificcjali. Mary Carmen Bajada saqsiet dwar il-possibilta' li jssir applikazzjoni taht skemi tal-MFA rigward it-turf tal-Iskola. Il-Kunsill iddecieda li jsiru laqghat mas-Surmast ta' l-Iskola sabiex tkun tista' tittiehed decizzjoni ahjar. Gie deciz li l-Kunsill jikkuntattja ukoll lill-persuna nkarigat minn dawn l-iskemi.

19) *E-mail* mill-Assoccazzjoni Kunsilli Lokali dwar partecipazzjoni ghal progett Europe for Citizens. Il-Kunsill filwaqt li rrikonoxxa l-fatt li diga kienet saret proposta simili, iddecieda li ma jattendi hadd f'isem il-Kunsill.

20) Ittra dwar l-ghoti tal-Kalendarju Kulturali mahrug mill-Ufficcju tal-Kultura. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21) Ittra mill-Kumitat Celebrazzjonijiet Kulturali u Regjonli, tavza meta huma l-granet tal-Karnival fir-Rabat. Il-Kunsill innota d-dati u qed jorganizza l-Karnival fi granet ohra.

22) *E-mail* mill-Leon Productions dwar ic-cerimonja Haddiem tas-Sena. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23) *E-mail* mis-Sur Adrian Mizzi dwar talba biex jirreklama. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jinghata aktar taghrif sabiex tkun tista' tittiehed decizzjoni ahjar.

24) *E-mail* mir-Regjun ta' Ghawdex dwar xiri ta' bandiera tar-Regjun. Il-Kunsill approva x-xiri tal-bandiera sabiex titpogga fil-bini tal-Kunsill.

25) *E-mail* mill-Gozo General Hospital dwar promozzjoni ta' Mixja bil-kollaborazzjoni ta' Eco-Gozo. Il-Kunsill iddecieda li ghandha ssir promozzjoni tal-mixja fuq il-website tal-Kunsill.

26) *E-mail* mill-Mental Health Association Malta, dwar promozzjoni ta' Seminar. Il-Kunsill iddecieda li ghandha ssir prmozzjoni tas-seminar fuq in-Notice Board tal-Kunsill.

27) *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-Prospectus 2012 mahrug mis-CDRT. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jitqassam fost il-haddiema tal-Kunsill ghall-informazzjoni taghhom.

28) *MEMO* 10/2012 - Dwar il-permessi temporanji ghal-bejjiegha fit-toroq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

29) *MEMO* 9/2012 - Dwar projbizzjoni ta' tipjip fi Playgrounds u Gonna Pubblici. Il-Kunsill innota l-kontenut u approva x-xiri ta' No Smoking signs skont kif deciz mid-Dipartiment u t-twahhil taghhom f'postijiet fejn jidhru f'kull Playground u Gnien tal-Kunsill.

30) *MEMO* 5/2012 - Dwar ir-rapport tal-Ispezzjonijiet tal-Playgrounds tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecieda li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghandu jkun infurmat bix-xogholijiet relatati li ghamel il-Kunsill.

31) *MEMO* 65/2011 - Dwar l-accettazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ta' Ghoti ta' fondi lill-Kunsill b'rabta mal-Festa Tradizzjonali ta' Sant' Antonu l-Festival tat-Tin 2012. Il-Kunsill bi pjacir laqa' l-ghotja.

32) Ittra dwar il-formoli ghan-nominazzjoni –Premju Haddiem tas-Sena 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut u ddecieda li l-Kunsill il-gdid ghandu jiddeciedi dwar dan.

33) Ittra mill-Ledbury & Penn Institute dwar promozzjoni ta' Korsijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34) Ittra minn Casapinta dwar kiri ta' tined u materjal ghall-esebizzjonijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

35) Ittra minn UPTrend Publishing dwar bejgh ta' kotba godda ghat-tfal. Il-Kunsill innota l-kontenut u iddecieda li l-ittra tinghata lis-Sinjura Josephine Sultana, librara tal-Librerija tal-Kunsill sabiex tevalwa u tipproponi xiri ta' kotba ghandu jsir.

36) *E-mail* mill-Awtur Martin Morana dwar pubblikazzjoni ta' ktieb gdid Bejn Kliem u Storja. Il-Kunsill iddecieda li ghandhom jinxtraw zewg kopji tal-Ktieb ghal-Librerija tal-Kunsill.

37) Talba min Mario Agius, Skultur mix-Xaghra dwar Esebizzjoni personali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Xaghra. Il-Kunsill iddecieda li jinghata s-somm normalment moghtija lill-Artisti ohra.

38) Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-allokazzjoni Finanzjarja gha-sena 2012. Il-Kunsill bi pjacir laqa' l-allokazzjoni approvata.

39) Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*. Wara diskussjoni twila l-Kunsill qabel li jkun xieraq li is-Sur Joseph Azzopardi ,ex-segretarju Ezekuttiv ghal dawn l-ahhar 16-il sena, jingahta *Performance Bonus* ta' 8%, kif ukoll kien hemm qbil unanimu li z-zewg Assistant Principals tal-Kunsill, Mr Ivan Attard u Ms Josephine Sultana jinghataw *Performance Bonus* full ta' 10%.

**Ilmenti**

Il-Vici Sindku Christian Zammit ressaq ilment dwar it-dustbins ta' Triq l-Imqades. Ressaq ilment iehor f'isem Benny Saliba sabiex isir patching mal-bankina tieghu ghax qieghed dejjem jidhol l-ilma.

Kevin Cutajar ressaq ilment f'isem Victora Vella dwar arblu tad-dawl mal-proprjeta' tieghha li jixtieq li jinbidel. Is-Sindku gharraf li matul din il-legislatura r-ruling tal-EneMalta dejjem kien li arbli ma jinbidlux.

Mary Carmen Bajada issuggeriet li s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jinghata laptop sabiex jikteb il-minuti mill-ewwel fuqu u mhux joqghod jikteb u jittajpja wara, kif ukoll ghall-fatt li matul din il-legisltara qatt ma thalla li l-laqghat tal-Kunsill ikunu irrekordjati sew ghar-records kif ukoll biex jigi iffacilitat il-kumpilazzjoni tal-minuti. Hi talbet ukoll li l-Kunsiliera jinghataw CD bir-ritratti kollha tal-Kunsill sew bhala tifkira kif ukoll ghax hekk jixraq. Mary Carmen Bajada ssuggeriet li ma jdumx ma jinstab isem ghal-Belveder. Hi saqsiet ukoll dwar il-hasil ta' Triq Marsalforn minn xi hadd mhux imqabbad mill-Kunsill. Is-Sindku filwaqt li ha nota ta' kollox, dwar din ta' l-ahhar wiegeb li dik kienet dicizzjoni tal-Wasteserve li tahsel it-triq kuljum minhabba l-inkonvenjent li qed jinholoq lir-residenti. Dan il-gest gie apprezzat mill-Kunsill. Mary Carmen Bajada saqsiet dwar x'gara mill-applikazzjoni tal-progett tal-Pjazza. Is-Sindku wiegeb li ghadu ma giex approvat. Fl-ahhar hi saqsiet dwar is-CCTV cameras tal-Ground u tal-Kunsill, min ghandu access ghalihom, min qed izomm il-back up videos u x'inhu jaghmel bihom. Hi insistiet li l-Kunsill ghandu jkun infurmat b'dan kollu minhabba Data Protection.

Mary Carmen Bajada gibdet l-attenzjoni ghall-mod kif inbena l-hajt mill-privat f'tal-Qacca bil-konsegwenza li d-dahla tar-rahal mhix kompatibbli mal-bqija tal-ambjent ta' madwar. Gie deciz li jigi kkuntatjat is-sid u mitlub jaghti dehra ahjar lill-istess hajt, dejjem wara li jigi jdentifikat is-sid li qatt ma kien facli li jinstab.

Joseph Bartolo lmenta dwar il-fatt li l-HSBS habbar li kien ser inaqqas is-sevizzi bankarji tieghu fil-Lokalita' tax-Xaghra. Hu talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-HSBC jerga' jirrevedi l-pozizzjoni tieghu u ma jaghlaqx ghall-ahjar interess tal-Lokalita'.

1) Ilment minn Manuel Formosa ta' Sacred Heart, Triq it-28 ta' April, sabiex jitranga l-hajt ta-sejjiegh li hmm fl-isqaq tas-Sansun fi Triq Santa Verna. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

2) Ilment minn Victor Xerri ta' Vichel, Triq Santa Verna, sabiex titranga l-bankina ta' quddiem ir-residenza Id-Denfil Ferhan, Triq Gnien Imrik. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

3) Ilment minn Carmel Portelli ta' 4, Triq Gnien Imrik, sabiex passagg jitranga bit-torba. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

4) Ilment biex isir patching urgenti fi Triq San Gorg Preca. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir bil-Hot Asphalt.

5) Ilment minn Sammy Azzopardi ta' 23A, Triq Gnien Xibla, biex titranga ir-rampa fil-bidu ta' Triq Ghajn Hosna. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

6) Ilment minn Carmel Attard ta' 106, Triq Bullara, sabiex jitranga l-passagg tan-Nenus. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir bit-torba.

7) Ilment minn David Attard ta' 84 Pjazza Vitorja, sabiex jitranga l-passagg fi Triq ta' Kaccaturi. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir biz-zrar 3/8 u jigi mballat.

8) Ilment minn George Refalo ta' Bee Hive, Triq Marsalforn, biex titranga rampa quddiem il-garaxx tieghu fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

9) Ilment minn Mario Gauci, ta' Crystal, Triq Marsalforn, sabiex jinghata ftit siment fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

10) Ilment biex jinghata s-siment mal-hajt fi Triq Ghajn Xejba ghax diehel l-ilma u l-hajt ser jaqa'. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

11) Ilment minn Victoria Attard ta' 3, Triq tal-Qacca, sabiex tinbidel il-kurduna tal-bankina ta' quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

12) Ilment minn Rose Bajada ta’ 92, Triq Frangisk Camilleri, sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

13) Ilment minn Carmelo Buttigieg ta’ 91, Triq Frangisk Camilleri sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

14) Ilment minn Emmanuel Xerri ta’ 14, Triq Mikelang Pace, sabiex jitranga l-hajt li jaghti ghat-Triq Ghajn Xejba. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

15) Ilment minn Nancy Galea ta’ Mountain Lodge, Triq l-Ghejjun, sabiex isir Stop Sign bejn Triq Mannar u Triq l-Ghejjun. Il-Kunsill iddecieda li tintalab approvazzjoni mit-Transport Malta l-ewwel.

16) Ilment biex isir sinjal Give Way bejn Triq Parisot u Triq l-Ghejjun. Il-Kunsill iddecieda li tintalab approvazzjoni mit-Transport Malta l-ewwel dwar suggeriment ta’ dan is-sinjal ma’ Triq Parisot.

17) Ilment minn Carmen Theuma ta’ 57, Triq Otto Bayer, sabiex tinzabar is-sigra ta’ quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

18) Ilment minn Joseph Cremona ta’ 29 Melrose, Triq Marsalforn, sabiex jitranga l-hajt imwaqqa’ ghat-triq fl-inhawi tal-Ghezien. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

19) Ilment minn Jennifer Agius ta’ Tal-Gnejna Crt Flt6, Triq il-Kommittiva, sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tal-mejjet Salvu Attard. Il-Kunsill iddecieda li tintalab aktar informazzjoni.

20) Ilment ta’ Esther Rose Sultana ta’ Pentlands, Triq il-Gnejna, sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

21) Ilment ta’ Anthony Hili ta’ 18, Triq l-Ghejjun, sabiex isir *sleeping policeman* quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill iddecieda li titwahha Slow Sign.

22) Ilment minn Marvic Paul Saliba ta’ Harmony, Triq Marsalforn, sabiex jitwahhlu tabelli li jipprojbixxu l-ipparkjar matul il-faccata tar-residenza tieghu. Il-Kunsill iddecieda li ghandha tintalab l-approvazzjoni ghal Double Yellow line mit-Transport Malta.

23) Ilment minn Loreto Portelli ta’ 14 Triq Masri, sabiex jinqata’ l-haxix hazin f’Tal-Pergla. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

24) Ilment minn Lorenza Sultana ta’ 14 Triq Ghonqa, titpogga mera hdejn ta’ Ghajn Wajtar ghax li kien hemm insterrqet. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

25) Is-Sindku Joseph Cordina issuggerixxa li ssir mera fi Triq il-Kortoll fejn Sea View Villa. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

26) Ilment biex titranga l-gradilja tal-culvert li hemm f'tarf Triq Karkar ghax waqghet. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

27) Ilment minn Carmel Sultana ta' 9A, Triq Masri, sabiex titranga rampa bis-siment quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

28) Ilment minn Christian Azzopardi ta' St John, Flt 2, Triq Karkar, sabiex isir patching ta' hofra. Hu talab li jkun ikkuntatjat qabel ma jsir ix-xoghol. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

29) Ilment minn Carmela Cini ta' St Anthony, Triq it-28 ta' April, sabiex titranga l-bankina ta' quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

30) Ilment minn Janice Grech ta' September Crt Flt 1, Triq Marsalforn, sabiex issir *parking bay* tad-*disabled* quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir kemm-il darba diga jezisti permess.

31) Ilment minn Massimo Ferroleto ta' Café Royal, Pjazza Vitorja, sabiex isir ftit siment quddiem tieghu. Il-Kunsill gie mgharrf li x-xoghol sar meta sar tal-hwienet l-ohra.

32) Ilment minn Peter Theuma ta' 9, Triq Bullara, sabiex jinbiddlu l-istickers ta' mar-recylcle bins ta' hdejn il-Belveder ta' Triq il-Kjnisja. Il-Kunsill iddecieda li tigi avzata l-WasteServe sabiex taghmel dan.

33) Ilment minn Marlene Borg ta' Francis, Patri Mattew Sultana, sabiex titranga r-rampa ta' quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

34) Ilment biss jinxtraw bins godda ghall-Belveder il-gdid u dak ta' San Marzjan. Il-Kunsill accetta li dawn ghandhom jinxraw.

35) Talba minn Raymond Bonello biex issir bozza gdida 'l gewwa mir-residenza ta' ommu fi Sqaq Triq il-Knisja Nru 2. u sabiex issir bozza gdida fil-Belveder ta' San Marzjan. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

36) Ilment minn Joseph Refalo ta' 15, Zernieq, Triq Gajdoru, sabiex jinzabbru s-sigar ta' Triq Gajdoru. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

37) Ilment minn Miriam Sultana ta' 39 Ben Nevis, Triq Mikiel Farrugia, sabiex titranga bis-siment il-bankina ta' quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

38) Ilment minn Raymond Farrugia ta' 24 Triq il-Kortolll, sabiex issir mera kantuniera ma' Triq il-Kortoll fejn joqghod hu. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

39) Ilment minn Joseph Refalo ta’ 15, Zernieq, Triq Gajdoru, sabiex tinzabar is-sigra l-kbira li taghti ghat-triq li hemm fi Triq it-Tigrija faccata tal-wied. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

40) Ilment ta’ Francis Mifsud ta’ Ta’ Rita, Triq Gorf, sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

41) Ilment minn Michael Angelo Xerri ta’ Arcadia, Triq Ghar ta’ Xerri, sabiex jitranga l-wied ta’ taht is-Srug ghax hemm problemi ta’ accessibilita’. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir u jitwitta.

42) Ilment minn Maria Sciberras ta’ Holma, Triq Dun Gorg Preca, abiex titwahhal tabella ghat-tindif ta’ wara li jhammgu l-klieb ghax qed ikun hemm hafna hmieg fl-inhawi. Il-Kunsill accetta li t-tabella titwahhal.

43) Ilment minn Joseph Cremona ta’ Melrose, Triq Marsalforn, sabiex jitranga l-hajt li waqa’ fi Triq Ghajn Xejba. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

44) Ilment nru 22911055158687 minn Mario Xerri ta’ 40, Triq Gorf , sabiex titranga l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tieghu. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

45) Ilment minn Loreto Portelli sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-garaxx ta-residenza tieghu 14, Triq Masri. Il-Kunsill iddecieda li tintalab approvazzjoni mit-Transport Malta l-ewwel.

46) Ilment sabiex jitnehha t-terrapien li hemm fi Triq Pergla ghax qieghed jostakola t-triq. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

47) Ilment biex isiru tabelli li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru ‘l fuq minn kull naha tal-garaxx tad-dar Odissini Crt fi Triq Parisot. Il-Kunsill accetta li x-xoghol isir.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti

Mary Carmen Bajada staqsiet ghalfejn minkejja li kien hemm decizjoni li George Cassar jithallas tax-xoghol li kien lahaq ghamel fuq *banner* ghall-Kunsill li dwarha kien gie deciz mill-istess Kunsill li ma titkompliex, dan ghadu ma thallasx ta’ xoghol li kien ghamel. Is-Sindku wiegeb li meta s-Sur George Cassar jipprezenta l-kont, jithallas bhal haddiehor.

**Mozzjoni 156**

Kif kien deciz fil-bidu tal-Laqgha, Kevin Cutajar rega' tenna dak li hu insista li kien qal fil-laqgha ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru, 2011 u li ma gietx approvata bhala korrezzjoni fil-bidu ta' din il-laqgha tant li hu approva l-minuti b'riservi.

Hu insista li f'giegh it-trasperenza, galadarba hemm *issue* fuq persuna li taghti s-sevizzi taghha fic-Centru tal-Anzjani, din il-persuna ghandha tigi mizmuma milli tibqa' tattendi dan ic-Centru sakemm tigi deciza din l-*issue*. Is-Sindku Joseph Cordina nsista li ma jaghmilx gustizzja li din il-persuna tinzamm milli tattendi semplicament ghax il-Kunsill ghadu qieghed jistenna *ruling* mill-Avukat tal-Kunsill Dr Carmel Galea, kif ukoll mid-Dipartiment tal-Gevern Lokali, ghax dan ikun ifisser li l-Kunsill Lokali tax-Xaghra qieghed awto jinkrimina lilu nniffsu u jammetti li kien zbaljat, meta ghadu mhux stabbilit jekk huwiex mehlus jew hati. Ghalhekk is-Sindku Joseph Cordina ma accettax it-talba ta' Kevin Cutajar semplicament ghax il-mozjoni ghada qeghda tigi diskussa u ssuggerixxa li kollox jibqa' *status quo* sakemm il-Kunsill jinghata *ruling*.

**Data ghall-Laqgha Ohra**

Il-laqgha spiccat fil-10.50 p.m. Is-Sindku ippropona li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha, 28 ta' Marzu, 2012, fil-5p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgha ssir dak inhar. Fl-ahhar tal-laqgha kien hemm xi kunsilliera minn dawk prezenti li irringrazzjaw lil xulxin tal-hidma sabieha li kellhom flimkien matul din il-legislatura u li waslet biex tintemm, filwaqt li awguraw lil xi uhud minn dawk il-Kunsilliera li kienu ser jikkontestaw l-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-Kunsill tax-Xaghra nhar is-Sibt, 10 ta' Marzu, 2012, kull success.

| | |
|---|---|
| **Joseph Cordina** | **George Refalo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |